MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tal-11 ta' Dicembru, 2009

Appell Civili Numru. 15/2009

**Joseph Saliba**

**vs**

**Imperial Hotel**

**Il-Qorti,**

Fil-25 ta' Mejju, 2009, it-Tribunal Industrijali ppronunzja s-segwenti decizjoni fl-ismijiet premessi:-

> "Introduzzjoni
>
> Dan il-kaz gie rreferit lit-Tribunal Industrijali permess ta' ittra Ref. ME 4/95/167/111 ta' 2 ta' Awissu 1996 mill-Onor. Ministru Michael Falzon, Ministru ta' l-Edukazzjoni u Rizorsi Umani sabiex dan il-kaz jigi deciz mit-Tribunal skond il-Provvediment ta' l-Artiklu 28 (2) tal-Kap 266 tal-Ligijiet ta' Malta.

Is-Sur Joseph Saliba aktar il quddiem jissejjah l-appellant kien assistit mill-Avv. Karmenu Mifsud Bonnici. L-lmperial Hotel (Goldvest Co Ltd) li aktar il-quddiem tissejjah is-socjeta kienet assistita mill-Avv. Victor E. Ragonesi.

It-Tribunal zamm sebgha u erbghin (47) seduta.

Dikjarazzjoni tal-Kaz

Is-Sur Joseph Saliba jghid illi mpjega ruhu ma' Forte Hotels fil-1968. Beda bhala Receptionist, gie trasferit ghall-Front Office, lehaq Assistant Manager, Food and Beverage, gie promoss ghal Assistant Manager (Senior), hadem bhala Relief Manager f'Hotel fl-Ingilterra, lahaq General Manager fl-1986, sa kemm l-impieg tieghu gie tterminat fl-1996.

Huwa serva kemm fil-Holel Imperial, Sliema, u fil-Hotel Phoenicia. Ipprezenta certifikat ta' Alfonso Giannuzzi tal-AFI Hotels Limited, 'Dok A' Wara li l-Hotel Imperial inbieghet lill-Goldvest Company Limited, huwa baqa' iservi bhala General Manager.

Matul l-impieg tieghu ma' Forte Hotels, huwa ircieva diversi kumplimenti ghall-performance tieghu "Dok B, Dok C, Dok D, Dok E u Dok F" bhala rikonoxximent tas-servizz li huwa dejjem ta.

Fit-22 ta' Lulju 1996 inghata ittra mill-Managing Director tal-Goldvest Co Ltd fejn sarulu allegazzjonijiet ta' mismanagement, behaviour mhux xieraq, insubordination u rifjut li jesegwixxi l-istruzzjonijiet lilu moghtija u huwa gie intimat li l-impieg tieghu kien gie itterminat hesrem "Dok E"

L-allegazzjonijiet maghmula huma kollha michuda. Ghandu ghalhekk spjegazzjoni u gustifikazzjoni.

Ghaldaqstant jghid illi ma hemmx raguni valida fil-ligi ghat-terminazzjoni tal-impieg tieghu.

L-Imperial Hotel tghid illi giet akkwistata mill-Goldvest Company Limited fis-17 ta' Mejju 1995. Joseph Saliba kien il-Manager tal-Imperial Hotel u Dottor Victor E. Ragonesi kien u ghadu l-Managing Director tal-Goldvest Co. Ltd.

L-Imperial Hotel fid-Dikjarazzjoni tal-Kaz resqet tnejn u erbghin punt dwar il-kaz tat-tkeccija.

Illi mill-bidu nett Joseph Saliba gie mgharraf li l-Management tal-Imperial Hotel kien responsabilita tieghu, izda kwistjonijiet ohra bhal infieq ta' kapital, relazzjonijet mat-tour operators, mat-travel agents, man-nefqa generali u ma' l-istaff ghandhom jigu immedjatament imgharrfa lil-Managing Director.

Illi qabel ma giet akkwistata l-Imperial Hotel mill-Goldvest Co. Ltd. Dr. Victor E. Ragonesi staqsa lil Saliba diversi drabi x'kien hemm bzonn jinghata kaz tieghu u li kien jitlob spiza kapitali. Saliba semma biss li s-sistema tal-elettriku kienet hazina u li kienet titlob li titbiddel kollha kemm hi. Qatt ma semma ebda kwestjoni jew materja ohra.

Illi meta Dr. Ragonesi induna li bdew jinqalghu kwestjonijiet li ma bdewx sejrin tajjeb beda jmur fl-Imperial Hotel izjed ta' spiss.

Illi fis-6 ta' Settembru 1995, Dr Ragonesi sar jaf li Saliba impenja lil-Imperial Hotel mat-Thompson Organisation, fuq talba taghha li fil-lukanda jigi installat sistema ta' fire-alarm. Dr Ragonesi ma kienx jaf b'din it-talba u lanqas bl-impenn li ttiehet. Meta ghalqet il-Phoenicia Hotel skopra illi l-fire-alarm li kien hemm f’din il-lukanda kellu jigi installat fl-Imperial Hotel. Joseph Saliba kien infurmat b'dan minn Jean Pierre Castaldi, il-Financial Controller tal-Phoenicia Hotel izda Saliba ma ghamel xejn.

Illi l-awtoritajiet tas-sahha ghamlu diversi spezzjonijiet fl-Imperial Hotel u sabuha fi stat mill-aghar. Fuq dan ghamlu rapporti li kienu juru li kien hemm nuqqas ta' supervizjoni, ta' manutensjoni u kien hemm ukoll nuqqas kbir ta' indafa, specjalment fil-kcina. Dawn ir-rapporti ma giex infurmat bihom mill-ewwel Dr Ragonesi. Kieku ma kienx ghall-inizjativa li ha Alfred Lupi li kien beda jiehu hsieb l-operazzjonijiet fil-kcina ta' Campus Co. Ltd., sub-contractor fl-Imperial Hotel, kien hemm il-possibilita li l-lukanda tinghalaq. Illi il-bjar tal-ilma li minnhom l-ilma jigi ppumpjat ghat-tankijiet fuq il-bejt ma setghux ikunu fi stat aghar ta' traskuragini u ta' hmieg. It-tankijiet ta' fuq il-bejt ma gew qatt imnaddfa minn gewwa. Is-sistema kellha tinbidel. Kellha ssir sistema ta' komunikazzjoni diretta gdida mill-main tal-Gvern ghaliex l-ilma kif kien qed jigi provdut, instab li ma kienx tajjeb ghal-konsum. Dan ix-xoghol sewa kapitali sostanzjali u kollox sar fuq inizjativa diretta ta' Dr. V.E. Ragonesi.

Illi Dr Ragonesi sar jaf kif kienet is-sistema tal-ilma qabel. Dan l-ilma kien imur fil-kmamar tal-banju li minnhom jixorbu r-residenti. Dr Ragonesi minnufih kiteb avviz u dak il-hin stess tah lil Joseph Saliba u qallu biex minnufih jaghmel kopja u jwahhlu f'kull kamra tal-banju. Dana ma sarx, u Dr Ragonesi skoprieh wara gimghatejn u qal lill-membri ta' l-istaff biex immedjatament iwahhlu din in-notice fil-kmamar kollha tal-banju. Illi Joseph Saliba qal lil Dr Ragonesi li residenti f'parti tal-lukanda pprotestaw ghaliex ma kellhomx ilma shun bizzejjed fil-kamra tal-banju. Telghu fuq il-bejt ma' impjegati tal-lukanda u mal-plumber Patrick Micallef gie konstatat li l-kanen tal-ilma shun kollha, li huma estisi, ebda wahda minnhom ma kellha l-*isolation* normali.  Hafna mil-kanen ma kellhom xejn u l-bqija kellhom isolation in-naha ta' fuq, ghax ta taht kienet waqghet u tgherriet ghal kollox. Illi fix-xitwa li ghaddiet, matul ix-xhur kollha,

is-saqaf fuq il-lounge u l-bar dejjem qattar f'diversi partijiet kull meta ghamlet ix-xita. Meta saret investigazzjoni, Dr Ragonesi sab li din il-problema kien a konoxxenza ta' Joseph Saliba mill-bidu ta' Settembru 1995, izda ma ha ebda rimedju u lil Dr Ragonesi ma qallux mil-bidu.

Illi wara s-sajf tal-1995 deher car li kienet gejja krisi fit-turizmu, b'nuqqas ta' turisti li jigu Malta, Goldvest Co. Ltd ghamlet arrangament ma' Campus Co. Ltd biex dina fil-preparazzjoni ta' l-ikel ghall-istituti tax-xjuh, tibda tuza, bin-nies principalment tal-lukanda u il-kcina tal-Imperial Hotel, taht it-tmexxija ta' Alfred Lupi, impjegat ta' Campus Co. Ltd. B'hekk l-Imperial Hotel kien jkollha sors ta' provent gdid. Joseph Saliba mil-bidu kien kontra dan il-ftehim u lil Dr Ragonesi kontinwament kien ighidlu biex lil Campus Co. Ltd. jibghata l-barra.

Illi l-accountant tal-Imperial Hotel ried jitlaq. Saliba ghamel arrangjament mieghu biex jahdem part-time, u jibqa jaghmel principalment ix-xoghol ta' qabel fl-accounts minghajr ma gharraf min qabel lil Dr Ragonesi. Qal Joseph Saliba li l-accountant beda jonqos fid-doveri tieghu. Dr Ragonesi qal lil Saliba biex itieh warnings li ma servew ghal xejn. Joseph Saliba injora din id-direttiva u hallsu li stess.

Illi meta Goldvest Co. Ltd. xtrat l-Imperial Hotel mill-Forte Group, l-accounts bejn iz-zewg kumpaniji kellhom jinghalqu minnufih. Ghal bidu tal-1996 Dr Ragonesi sar jaf illi kien hemm diskrepanzi bankarji tal-Imperial Hotel appartenenti lil Forte Group, li kienu ilhom pendenti izjed minn sena u nofs. Joseph Saliba qatt ma qal b'dan lil Dr. Ragonesi.

Illi Joseph Saliba kellu assikurazzjoni mal-BUPA, li dwara qatt ma ta dettalji lil Dr Ragonesi, Wara li Goldvest Co. Ltd. xtrat l-Imperial Hotel, Saliba

rrinegozja l-assikurazzjoni mal-BUPA li bdiet tithallas mill-Goldvest Co. Ltd. minghajr ma informa lil Dr Ragonesi.

Illi f'hafna drabi meta materji kienu jigu diskussi bejn Dr Ragonesi u Joseph Saliba, dan ta' l-ahhar kien jgholli l-vuci tant li kien jigi mwaqqaf minn Alfred Lupi.

Illi f'Gunju u Lulju 1996 Dr Ragonesi ta struzzjonijiet lil Joseph Saliba biex ibiddel it-time-table ta' Paul Cassar fid-doveri tal-management. Joseph Saliba injorahom u sat-18 ta' Lulju 1996 ma gewx implimentati.

Illi ghal hafna gimghat Dr Ragonesi qal lil Joseph Saliba li ghandu jkun "on duty" alternattivament jew is-Sibt u jew il-Hadd, bhal l-impjegati kollha, ghaliex kien diskriminatorju u intollerabbli li jiehu vaganza kull Sibt u kull Hadd. Joseph Saliba irrifjuta.

Illi Dr Ragonesi ta' struzzjonijiet lil Joseph Saliba li l-kondizzjonijiet u r-rati lit-tour operators u travel agents mill-istess pajjiz ikunu l-istess, biex ma jkunx hemm diskriminazzjoni. Din id-direttiva ma gietx obduta minn Saliba.

Illi fil-bidu tas-sajf 1995 Dr Ragonesi ta' direttiva lil Saliba biex l-airconditioners kollha ssirilhom "cover" ghall-protezzjoni, u ghal dan il-fini ipprokura ragel barrani biex juri kif isiru. Joseph Saliba qal illi ried jaghmilhom hu bl-impjegati tal-Imperial Hotel. Sakemm tkecca, dawn il-covers ma sarux.

Illi Paul Cassar tal-Management, xi 15 il-gurnata qabel it-22 ta' Lulju 1996, tah time-table alternattiva lil Saliba, la implimentaha u lanqas qal lil Dr Ragonesi biha.

Illi Dr Ragonesi kien talab lil Joseph Saliba biex jikteb lit-tour operators fl-Irlanda u jghidilhom li l-Air Malta kienet bdiet titjiriet ma dan il-pajjiz, biex wiehed iffittex suq gdid. Fl-ittra is-servizz tal-Air Malta ma ssemiex, anzi qallhom illi huwa kien b'hsiebu jmur l-Irlanda.

Illi Dr Ragonesi peress li l-accountant part-time ma giex izjed, irranga li Sam Agius jibda izomm l-accounts tal-Imperial Hotel. Joseph Saliba ma approvax dan.

Illi Tui, tour operator mil-Germanja, ippublikat "brochure" li fih hemm Malta, u jghid li l-Imperial Hotel taghti "buffet breakfast". Dan m'hux minnu u ma jidhirx li Joseph Saliba pprova jirranga l-izball.

Illi Rotel, Tour operator mil-Germanja, iccancella zewg gruppi ta' turisti, u Joseph Saliba ma saqsiex ir-raguni.

Illi fir-records tal-leave tal-impjegati l-isem ta' Joseph Saliba ma jidherx.

Illi r-rati li Joseph Saliba ikkwota lil Tui ma jirrisultawx mil-file. L-anqas kien hemm kopja tal-kuntratt maghhom.

Illi fis-sajf beda jidher wirdien fil-kmamar tar-residenti, li lmentaw. Paul Cassar ighid li din problema li jirrikorri kull sajf. Fil-bidu tas-sajf ebda misura ma ttiehdet biex tanticipa li l-problema ma tirrikorrix, u Joseph Saliba qatt ma informa lil Dr. Ragonesi biha.

Illi Joseph Saliba kien ta permess lil xi barranin biex juzaw is-swimming pool, minghajr ma gharraf jew ottiena l-approvazzjoni ta’ Dr Ragonesi.

Illi meta Carmelo Cachia mar biex jirrepara d-dishwasher, sab li diversi fuses ma gewx sostitwiti, izda l-wires twahhlu flimkien b'perikolu ghall-

impjegati. Min kien jigi mqabbad minn barra biex jaghmel dan ix-xoghol, kien iqabdu Joseph Saliba.

Illi fis-27 ta' Frar 1996 cekk ghal Lm256.00 gie ffirmat minn Dr V. Ragonesi u Joseph Saliba biex il-licenzji kollha tal-lmperial Hotel jigu rinnovati. Ic-cekk ma intbaghtx lill-Kummissaiju tal-Pulizija, instab f’kexxun fit-12 ta' Settembru 1996, u nstab ukoll li l-licenzji kienu ghadhom f’isem Carmelo Axiak, li spicca minn Manager tal-lmperial Hotel xi 12 il-sena ilu.

Illi l-ghamara fil-kmamar tas-sodda tar-residenti ilhom jitbiddlu. Meta dan I-ahhar tbiddlet kamra, impjegat tal-lmperial Hotel talab illi l-mobbli ta' qabel jinghataw lilu ghax issa lilu jmiss. Meta Dr V. Ragonesi ghamel indagini, sab li l-mobbli rimossi kienu qed jinghataw b'xejn lill-impjegati, u l-ahhar mobbli ta' kamra nghataw lit-tifel ta' Joseph Saliba. B'din is-sistema Dr Ragonesi u lanqas Jean Pierre Castaldi qabel, qatt ma gew informati.

Illi nstab li l-ftehim ma' Tui ghal perjodu 1996-97 ma giex rinovat. B'dan Dr Ragonesi ma giex infurmat.

Illi diversi xhur qabel ma tkecca Joseph Saliba, Dr Ragonesi gie nfurmat, m'hux minn Saliba, li wara hafna snin l-lmperial Hotel ma kienitx ser tkun inkluza fil-brochure ta' "Malta Holidays" ghaliex ma ntlahaqx ftehim dwar ir-rati ghall-somma wisq zghira. Dr Ragonesi qal li ma kienx jaf b'dan, offra lil "Malta Holidays" li l-prezz li kienu offrew jigi accettat, li ssir folja kulurita tal-Imperial Hotel, a spejjes tal-Goldvest Co Ltd biex tidhol fil-brochure. "Malta Holidays" qalu li dan ma jsirx, ghax m'hux solitu.

Illi Joseph Saliba issieheb personalment f'diversi clubs u thallas l-lmperial Hotel, b'dana qatt ma informa lil Dr Ragonesi.

Illi meta Joseph Saliba tkecca, appropria ruhu mill-karrozza tal-Goldvest Co. Ltd., wara talabha tikkonsidera li tbehhielu, liema talba giet rifjutata, u baqghet fil-possess tieghu sakemm kellhom isiru proceduri gudizjari.

Illi meta Goldvest Co. Ltd. xtrat l-Imperial Hotel is-salarji ta' Joseph Saliba u tal-impjegati kellhom jibqghu l-istess. Is-salarju ta' Joseph Saliba, sad-data tax-xiri kien ta' Lm1506.08 fix-xahar, instab li Joseph Saliba kien qed jiehu salarju ta' Lm1514.73 fix-xahar mid-data tax-xiri.

Illi wara li nxtrat l-Imperial Hotel, Dr Ragonesi skopra li l-lukanda kienet qed thallas kwazi Lm1,000 fix-xahar lil Phoenicia Laundry and Dry Cleaning ghall-bzonnijiet tal-Imperial Hotel. Fl-Imperial Hotel kien hemm diversi makkinarji li setghu jaghmlu x-xoghol tal-laundry. Dan il-makkinarju instab mitluq u mhux f'kundizzjoni li jista' jithaddem sodisfacentement. Kellu jkun Dr Ragonesi li jiehu l-inizjativa u wara xhur il-makkinarju gie ripristinat u b'hekk ix-xoghol tal-laundry seta' isir mill-Imperial Hotel stess u giet salvata somma ta' izjed minn Lm700 fix-xahar.

Provi

Provi fil-qosor migbura minn seba' u erbghin seduta:-

Xhud Dr V. Ragonesi qal illi l-Lukanda Imperial kienet propjeta ta' Forte Group. Dak iz-zmien Saliba kien General Manager. Qal illi dak iz-zmien ma kienx jindahal f'dawk li huma operazzjonijiet giornalieri tal-lukanda ghax kienet ikkontrollata mill-Ingilterra u kien jidhol f'dawk il-kwistjonijiet legali. Fl-1995 inbieghet lil Goldvest Company Limited u kien hemm kambjament radikali fil-policy u f'kollox hlief pero f'dak li huma terms and

conditions of employment tas-Sur Saliba baqaw kif kienu.

Fit-tmexxija tal-lukanda bhala li kien Managing Director tal-Goldvest Company Limited kien irid jaghti redikont ta' decizjonijiet tal-policy. Saliba kien irid jikkonsulta mieghu. Sostna illi ma kienx hemm bizzejjed ko-operazzjoni minghand is-Sur Saliba f'dak li huma kienu kuntratti li jista’ jaghmel jew inkella rendikont li jista’ jaghti lilu, ma kienx hemm dik ir-rapportagg reciproku. Ix-xhud ipprezenta dokumenti immarkati minn 1 sa 26.

Qal illi peress illi ma sabx koperazzjoni minghand Saliba, kellu jiehu interess huwa tant illi sab li Saliba ma jidholx is-Sibt u l-Hadd u huwa riedu illi jibda jidhol darba s-Sibt u l-Hadd. Qal illi Saliba ma kienx ha gost u kellu jinsisti mieghu. Qal ukoll illi qabel il-laundry tal-Imperial Hotel kien imur kollu l-Phoenicia Laundry. Meta gie responsabbli direttament huwa ordna illi l-magni kollha tal-laundry tal-Imperial jigu rrangati u l-laundry tibda issir fl-Imperial b'hekk gew iffrankati mal-elf lira Maltin fix-xahar. Qal illi Saliba kien repetutament jitlob ghal contract of service tieghu. Ix-xhud sostna illi kemm ic-Chairman is-Sur Aquilina, il-lum mejjet, kif ukoll huwa bhala Managing Director deherilhom illi bil-komportament tieghu l-appellant kien qed jonqos milli jirraporta certi affarijiet li kellu jaghmel ma kienux ghalhekk jintitolawh biex huma jaghmlu contract of service gdid.

Xhud Joseph Saliba, mistoqsi mill-legali tas-socjeta appellata jekk jaqbilx ma l-istruzzjonijiet li kien tah Dr. Ragonesi meta l-lukanda inxtrat minn Goldvest Company Limited, qal illi jaqbel pero ghar-rigward tal-laundry tal-Imperial Hotel huwa kellu struzzjonijiet minghand Forte biex il-laundry kollha tal-Imperial tmur ghand il-Phoenicia laundry.

L-appellant gie mistoqsi mill-legali tas-socjeta appellata jekk jarafx l-inizjali u l-firem fuq l-

invoices, qal illi il-firem huma tieghu u l-inizjali ma gharafomx. Gie appuntat is-Sur Joseph Gaffiero, l-espert kaligrafu biex jezamina l-inzijali u l-firem.

Xehed is-Sur Grezzju Azzopardi fejn qal illi l-firma li hemm fuq il-quotation hija tieghu.

L-appellant mistoqsi kemm kellu salarju qabel mal-lukanda Imperial inxtrat minn Goldvest qal illi kellu Lm19,000 fis-sena plus il-BUPA ghalieh u ghal familja tieghu, l-uzu tal-karozza u l-petrol u l-hlas tal-licenzja. Qal illi meta gie fil-propjeta tal-Goldvest baqa' bl-istess salarju u kundizzjonijiet pero qatt ma sarlu kuntratt kif kellu ma' Forte.

Ix-xhud qal illi spicca mill-Imperial Hotel fl-Lulju 1996 kien General Manager tal-lukanda. Wara f'Settembru 1996 beda mal-Comino Hotel u dam hames snin. Wara impjega ruhu mal-Corinthia Group of Companies fil-Marina Hotel b'salarju ta' Lm20,000 fis-sena, bil-karozza u l-insurance u l-BUPA parti mis-salarju.

Fuq mistoqsija mill-legali tas-socjeta appellata ghala ma osservax ir-regoli kif mitluba minn Dr Ragonesi dwar il-kuntratti godda tat-tour operators, ix-xhud qal illi sa fejn jaf hu l-kuntratti l-godda pprova jsegwi d-direzjoni tieghu biex izommhom l-istess. Mistoqsi dwar l-ittra ta' Dr Ragonesi tat-22 ta' Lulju 1996 li fiha sittax il-paragrafu biex jghid jekk kienux veri jew le l-appellant qal illi l-ittra ma rrispondijiex ghax punt numru 16 jghid *"the Company cannot allow such stale of affairs to persist, your employment is being terminated forth with"*

Kull ma ghamel qal l-appellant sab l-Avukat u mar il-Labour Office biex jirraporta li gie mkecci. Dwar is-Sur Lupi l-appellant qal illi hu ma kellux x'jaqsam mieghu ghax kien Dr Ragonesi stess li qallu li ma kellux x'jaqsam mieghu.

Mistoqsi jekk ghamilx xi kuntratti wara Mejju 1995, l-appellant qal ma jiftakarx ezatt, "jekk saru, saru kif kienu jsiru qabel. Ma kelli l-ebda struzzjoni biex kuntratti anke wara in-1995 ma naghmilhomx"

Mistoqsi mill-legali tas-socjeta appellata fejn mar wara li spicca mill-Imperial Hotel qal illi mar mal-Comino Hotel bhala General Manager b'salarju ta' Lm16,000 u karozza u wara sentejn is-salarju sar Lm21,000.

Wara hames snin u nofs mar mal-Marina Hotel tal-Corinthia b'salarju ta' Lm20,000 u company car. Hadem mal-Marina Hotel il-probation u spicca, dan kien fis-sena 2003.

Xhud Gianfranco Selvaggi qal illi dak iz-zmien kien il-Business Manager ta' Thompson Holidays. Mistoqsi mill-legali dwar il-performance tal-appellant qal illi jafu meta kien fil-lukanda Imperial, jaf li hu serju, professjonali fix-xoghol tieghu u illi dwar xogholu qal illi f'ghajnejh kien jaghmel xogholu sew. Fiz-zmien li l-appellant kien Manager tal-Imperial Hotel il-lukanda hadet ir-rikonoxximent (award) bhal ma hadu lukandi ohra. Dawn l-awards kienu jsiru minn Thompson kull Sena fuq il-kategoriji tal-lukandi f'Malta.

Xhud John Joseph Cole, kien responsabbli ghal catering ghal ikel tad-djar tax-xjuh. Minn gewwa l-premises tal-Imperial Hotel qal illi qatt ma sab tfixkil fl-operat tieghu tant illi l-ghajnuna li sab minn ghand l-appellant meta huwa kien jahdem hemm; ma kellux problemi mas-Sur Saliba.

Xhud Paul Cassar jahdem f'lukanda bhala Hotel Manager. Mistoqsi mill-legali tal-appellant dwar kif jaf lill-appellant qal illi fl-Imperial Hotel kien Food and Beverage Manager qal illi ghamel seba' snin fil-lukanda u telaq wara s-Sur Saliba. Qal illi qatt ma kien hemm tgergir dwar is-Sur Saliba.

Xhud Joseph Saliba, il-legali tal-appellant talab lill-appellant biex jghati l-veduti tieghu dwar dak kollu li qalet il-kumpanija fid-Dikjarazzjoni tal-Kaz punt wara l-iehor u jghid fejn jaqbel u ma jaqbilx. L-appellant qal illi bil-kitba ma kien hemm xejn. Matul iz-zmien minn meta nxtrat il-lukanda Dr Ragonesi kien jigi kull jum jew kien jigi darbtejn tlieta fil-gimgha. Kien anke jippartecipa fil-functions li kien ikollhom, matul is-sena u qatt ma ghamillu rimarka hazina, anke kien jigi u jtaptaplu u jghidlu "prosit" u "grazzi". Qatt ma ra kumment negattiv direttament mieghu verbali sa Jannar tas-sena 1996.

L-appellant qal illi l-kontra risposti li ta' ghal punti kollha ta' Dikjarazzjoni tal-Kaz tal-Kumpanija jidherlu illi hemm gustifikazzjoni.

Fil-punt dwar l-ghamara tal-lukanda qal illi hu beda ma' Imperial Hotel fi Frar 1986 u tkecca fl-Lulju 1996, kien General Manager. Fuq il-punt tal-ghamara tal-kmamar tas-sodda li fost dawk li hadu set kien hemm it-tifel tieghu qal l-appellant illi dan is-set hadu fin-1993 sentejn qabel ma dak li qed jghid Dr Ragonesi. Sostna l-appellant illi ma kien hemm ebda struzzjoni ta' bidla fil-procedura ta' kif jimmanigga u jirranja l-lukanda, l-ebda struzzjoni bil-miktub biex jekk jkun hemm xi jrid jirraporta. Qabel ma kienx jirraporta u allura issa rega ma rraportax.

Dwar il-laundry l-appellant qal illi fi Frar 1990 kien gie mghoti instructions mill- Head Office biex il-laundry li kien jaghmel 'in house' jibda jaghtieh lis-Sur Cachia tal-Phoenicia Laundry ghax kien bil-bzonn biex jpattilu ghal business loss tal-Phoenicia, dan sar ghax kien obligat. Dan kollu kien bejn 1990 u 1995. Qal ukoll illi meta l-lukanda nxtrat mill-Goldvest kienu ghamlu tour tal-hotel ma' Dione Aquilina, l-Avukat Ragonesi u l-appellant fejn kien qallhom li qed tqumlu Lm1000

fix-xhar u issa nistghu nirrangawha biex niffrankaw l-Lm1000.

Meta l-Goldvest hadet l-Imperial Hotel Dr Ragonesi li kien Direttur ta' Forte kien hu stess li tah Lm11,000 ghax ic-Chairman ried li jikkumpensah tax-xoghol li ghamel.

Il-legali tas-socjeta appellata rega ghamel domanda lill-appellant dwar meta mar jirregistra. L-appellant qal illi beda jahdem f'Ottubru tan-1996, qal illi rregistra kif spicca mix-xoghol f'Lulju tan-1996, kien mar jibda il-proceduri tar-registrazzjoni ghall-impieg. Il-legali tas-socjeta appellata baqa' jitlob lill-appellant biex igib l-informazzjoni fejn qal illi jekk imur fid-dipartiment jghidulu, specjalment jekk hu qallhom li qed jibda dawn il-proceduri quddiem it-Tribunal.

L-appellant ghamel referenza ghad-domanda li kien ghamillu l-legali tas-socjeta appellata fejn qal illi ghall-mistoqsija biex jaghti d-data ta' meta beda jirregistra jrid jikkonferma ghax l-ahhar li xehed ma kienx cert jekk irregistrax kif telaq mill-Imperial Hotel jew wara, fil-fatt irregistra meta spicca mill-Corinthia u mhux wara li telaq mill-Imperial. Jigifieri meta staqsieh l-Avukat jekk marx jirregistra hu qallu "iva" u d-data ma ftakarhiex. Ifisser illi mill-Imperial Holel mar Comino Hotel ghamel hames snin u nofs, telaq mill-Comino Hotel u mar il-Corinthia. Kif telaq mill-Corinthia beda jirregistra fit-8 ta' Frar tas-sena 2002.

Sottomissjonijiet Finali

Il-Legali tal-appellant qal illi l-Goldvest zammitu fl-impieg ghall' fuq minn sena u t-tkeccija saret wara li skadiet sena. Qal illi r-rikorrent kien altru milli kwalifikat biex imexxi lukanda. Ic-certifikati li ghandu u l-istqarrijiet li saru dwar il-kompetenza tieghu mis-sidien precedenti tal-Hotel huma testamonjanza tal-kompetenza tar-rikorrent biex

imexxi l-lukanda. Sostna illi l-appellant kellu l-opportunita fin-noti li saru fejn indikaw l-ispjegazzjonijet u b'gustifikazzjoniet li nghataw mir-rikorrent bil-gurament ghal kull wahda mil-lanjanzi tal-Goldvest.

Il-Goldvest ma kelliex gustifikazzjoni dwar dak li allegat ghat-tkeccija ta' l-impieg. Il-Goldvest riedet li tittermina l-impieg tar-rikorrent. Kellha dritt taghmel hekk bil-ligi ghaliex huwa impjegat illi jgawdi fiducja u allura mhux necessarju illi s-sid izommu, pero jekk jitterminawlu l-impieg ghandu l-obligu jikkompensawh una volta gustifikazzjoni bizzejjed skont il-ligi ghat-terminazzjoni tal-impieg.

Il-legali tas-socjeta appellata qal illi l-appellant ipprezenta il-kaz tieghu fuq allegazzjoni ta' tkeccija ngusta u talab danni. Ghamel dikjarazzjoni fit-18 ta' Frar 2008 meta qal li mar jirregistra "gimgha jew tnejn wara li spicca" Fil-fatt mar jirregistra ghax-xoghol fit-8 ta' Frar 2002 jigifieri kwazi sitt snin wara. Dan ghamel dikjarazzjonijiet foloz bil-gurament.

Is-socjeta appellata titlob lit-Tribunal biex jiehu konjizzjoni taghhom kif inhu dover ta' kull Qorti u ta' kull Tribunal li jirreferi l-kaz lill-Kummissarju tal-Pulizija biex jaghmel investigazzjoni. Qal ukoll illi ma kienx garrab danni ghax beda mal-Comino Hotel minnufih wara li tkecca mill-Imperial Hotel fit-22 ta' Lulju 1996. Sostna illi l-appellant qatt ma kien minghajr impieg ghax immedjatament sab impieg.

Il-legali tal-appellant irrisponda ghal dak li qal il-legali tas-socjeta appellata illi l-kwistjoni principali tirrigwarda x'gara sa meta spicca l-impieg tar-rikorrent, mhux x'sar fil-proceduri quddiem it-Tribunal. Qal illi jekk hemm gustifikazzjoni jew le fit-terminazzjoni. Sa dakinhar tat-terminazzjoni r-rikorrent ghandu jigi dikjarat li ma kienx hemm raguni sufficjenti fil-ligi ghat-terminazzjoni tal-

impieg tieghu. Jekk ma kienx hemm raguni sufficjenti tibqalu x'rimedju sa jaghti t-Tribunal. Il-ligi ma tipprovdix haga ohra hlief kumpens.

Kunsiderazjonijiet

L-appellant beda x-xoghol tieghu ma' Forte Group fis-sena 1968. Fis-sena 1995 l-Imperial Hotel inxtrat minn Goldvest Company Limited. L-appellant kellu l-kariga ta' General Manager u baqa fl-istess kariga meta l-lukanda nxtrat minn Goldvest. L-unika differenza kienet illi ma' Forte kellu kuntratt tax-xoghol bil-miktub waqt illi ma' Goldvest ghalkemm baqa fl-istess grad u bl-istess kundizzjonijiet u salarju ma kellux kuntratt bil-miktub. L-appellant xehed illi kien talab lil Dr V. Ragonesi, Managing Director kemm il-darba biex jghamillu kuntratt bil-miktub dan baqa ma sarx sa kemm tkecca mill-impieg tieghu.

Dr V. Ragonesi xehed ghas-socjeta appellata illi meta l-lukanda Imperial inxtrat minn Goldvest u huwa ha l-kariga ta’ Managing Director kien ta struzzjonijiet lill-appellant illi ghandu jibda jghidlu u jinfurmah b'kull haga li ssehh fil-lukunda peress illi qabel meta l-lukanda Imperial kienet ta' Forte Group l-appellant kien jiehu l-ordnijiet u jiddiskuti l-kazijiet li kien ikollu direttament ma' Forte Group f'Londra.

L-appellant xehed illi madwar l-ewwel sitt xhur taht il-Goldvest kellu l-ahjar relazzjonijiet mal-Managing Director, izda waqt ix-xhur ta' wara r-relazzjoni kienet differenti. L-appellant cahad dak kollu li gie allegat bih, tant illi qal li huwa dejjem obda u ghamel dak li kien mitlub mill-Managing Director. Is-socjeta appellata akkuzat lill-appellant illi xehed falz matul ix-xhieda tieghu fir-rigward ta' meta beda jirregistra wara li tkecca mill-impieg tieghu. Talab it-Tribunal biex jiehu l-passi necessarji u jirraporta dan il-kaz lill-Kummissarju tal-Pulizija. L-appellant kien xehed illi kien mar

jirregistra ftit tal-granet wara li kien tkecca mill-Imperial Hotel f'Lulju tan-1996. Kagunat mit-tul ta' snin kif ukoll minn diversi seduti li saru l-legali tas-socjeta appellata staqsa ghal darba ohra lix-xhud fis-seduta tat-18 ta' Frar 2008 hekk; *"Jekk imur fid-Departiment jghidulu specjalment jekk hu qallhom li hu qed jibda dan iI-process quddiem dan it-Tribunal"* L-appellant irrisponda hekk; *"Ingiba zgur imma se nieqfu hawn il-lum"*

Fis-seduta tat-12 ta' Mejju 2008, l-appellant xehed hekk; '*illi l-ahhar li Itqajna gejt mistoqsi biex naghti d-data ta' meta bdejt nirregistra. Kelli nikkonfermaha. Issa jiena dak il-hin ma kontx cert jekk irregistrajtx kif tlaqt mill-Imperial jew wara fil-fatt irregistrajt meta spiccajt mill-Corinthia Hotel u mhux wara li tlaqt mill-Imperial. Jigifieri meta staqsieni l-Avukat jekk mortx nirregistra jien ghedtlu "iva" u d-data ma ftakarhiex. Mort nirregistra wara li spiccajt mill-Corinthia mhux wara li spiccajt mill-Imperial. Issa jekk trid intik id-data meta rregistrajt nista' ntihielek. Jigifieri kif spiccajt mill-Imperial ma rregistrajx u bdejt nirregistra mil-8 ta' Frar 2002".*

It-Tribunal jara illi wara li l-appellant ghamel spjegazzjoni tal-fatti bil-gurament kif graw l-affarijiet ma jarax illi ghandu jilqa t-talb tas-socjeta appellala illi jirraporta dan il-kaz dwar xhieda falza lill-Kummissarju tal-Pulizija.

L-impieg tieghu l-appellant kien illi igawdi fiducja. Il-ligi ma tobligax li zzommu fl-impieg izda jekk it-tkeccija tkun ingusta hemm id-dritt li isir appell lit-Tribunal Industrijali ghal-kumpens adekwat.

It-Tribunal wara illi ra u osserva dak kollu li ntqal fix-xhieda guramentata kif ukoll mid-diversi dokumenti esebiti jara illi l-tkeccija ta' l-appellant ma kienetx wahda gusta.

Decizjoni

It-Tribunal Industrijali ra l-lstqarrija tal-Kaz tal-partijiet, ra u ezamina x-xhieda prodolta, ra s-sottomissjonijet finali tal-partijiet, ra d-dokumenti esebiti jaqta u jiddeciedi dan il-kaz billi jsib illi l-tkeccija mill-impieg ta' l-appellant mill-impieg tieghu ma kienetx wahda gusta u sufficjenti skond il-ligi.

Ghandu ghalhekk jinghata kumpens fis-somma ta' erbgha u ghoxrin elf tliet mija sitta u tmenin Ewros. (€24,386).

Dan il-kumpens ghandu jinghata mhux inqas minn erba' gimghat konsekuttivi mid-data ta' Decizjoni.

Ghal-fini ta' l-Avviz Legali Numru 48 tlal-1986, it-Tribunal jillikwida d-dritltijiet ta' min assistla lill-partlijiet fis-somma ta' erbgha u disghin Ewros.

B'hekk tintemm din il-kwistjoni tax-xoghol.**"**

Appellat minn din is-sentenza l-lukanda intimata bl-aggravji f'dawn it-termini:-

(1) It-Tribunal ma pprovdiex ragunijiet motivati li jsawwru l-ezitu tal-procediment valutativ tieghu skond kif irid l-Artikolu 218 tal-Kapitolu 12, l-aktar, il-ghaliex, skond hu, it-tkeccija kienet wahda ingusta. Hu wkoll sottomess mill-appellanti f'dan l-istess kuntest illi din il-mankanza tat-Tribunal tikkostitwixxi lezjoni tal-principju ta' smigh xieraq;

(2) It-Tribunal naqas milli jezamina l-kwestjoni quddiemu mil-lat u l-perspettiva tad-diversi incidenti li sehhew u tat-twissijiet li nghataw lill-impjegat-appellat;

(3) L-ammont ta' kumpens likwidat huwa legalment ingust u ezagerat;

Intqal minn din il-Qorti kif presjeduta f'sentenza recensjuri taghha illi "hi ligi li ghalbiex sentenza tkun tiswa din ghandha tikkontjeni bhala wahda mir-rekwiziti formali taghha 'ir-ragunijiet li fuqhom il-qorti tkun ibbazat id-decizjoni taghha' (Artikolu 218, Kapitolu 12). Jikkonsegwi minn dan illi l-poter diskrezzjonali li ghandu kull gudikant jew awtorita` aggudikanti jinkontra limitazzjoni in vista ta' dak l-obbligu impost fuqu mil-ligi pozittiva li joffri s-sodisfazzjoni, anke jekk mhux necessarjament fid-dettal, tar-raguni li tkun waslitu ghad-decizjoni tieghu. Dan, ukoll, fi process kwazi-gudizzjarju" ("**Mary Bonavia -vs- Direttur tas-Sigurta` Socjali**", 30 ta' Jannar, 2009). Dejjem minn din l-istess Qorti gie ribadit fi skorta ta' decizjonijiet taghha, u b'abbracc ta' certa espressjoni ta' fehma, illi, gjaladarba, il-motivazzjoni hi ta' essenza ta' kull decizjoni, ghandu, almenu fil-minimu, jinghata raguni ghaliex il-mertu kien qed jigi deciz kif fil-fatt gie deciz. Ara "**Cauchi Ltd -vs- Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud**", Appell, 6 ta' Ottubru, 2000. "Dan mhux biss biex tigi assikurata t-trasparenza tal-gudizzju imma wkoll biex tkun tista' tigi verifikata l-gustizzja tal-gudikat" ("**Kruger Limited -vs- Il-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud**", Appell, 13 ta' Lulju, 2001);

Rilevanti wkoll li jigi senjalat illi, kif espress ukoll minn din il-Qorti kif presjeduta fid-decizjoni taghha tat-12 ta' Jannar, 2005 in re: "**Charmaine Camilleri -vs- Eugenio Abdilla *et***", "taht l-inkalzar tal-gurisprudenza evoluta mill-organi gudizzjarji Ewropej in materja jinsorgi l-principju li tali motivazzjoni mhux biss trid tirrizulta mis-sentenza izda wkoll li din tkun adegwata. 'Motivazzjoni li kellha tkun tali li fil-minimu tissodisfa fuq kollox il-partijiet in kawza fuq il-korrettezza fattwali u guridika tar-ragunijiet li wasslu ghad-decizjoni. Hu fid-dawl ta' dan il-principju appena accennat li gie ritenut li l-motivazzjoni, waqt li f'kull kaz kellha tkun adegwata, pertinenti u relatata mal-kwestjonijiet ta' fatt u dritt sottomessi lill-Qorti mill-partijiet in kwaza, kienet certament id-decizjoni tal-Qorti ta' l-ewwel grad li kellha tkun l-aktar ezawrjenti proprju ghaliex hi l-motivazzjoni taghha li kellha tipprovdi l-bazi ta' l-aggravju ta' l-eventwali appell moghti lil tribunal ta' revizjoni'." ("**Gordon Agius -**

**vs- Avukat Generali**", Appell Superjuri, 20 ta' Dicembru 2000);

Premessi dawn l-orjentamenti gurisprudenzjali in tema tal-motivazzjoni tas-sentenza hu taghlim siewi, kwazi sekolari, dak enuncjat mill-Qorti ta' l-Appell, sede Civili, illi "*per riconoscere il vero portato di una sentenza, occorre indagare quale fosse stata la questione sulla quale il giudice fu chiamato a pronunziarsi e la discussione che precedette il suo giudizio, ed esaminare il dispositivo nel suo complesso, raffrontandolo e mettendolo in armonia colla motivazione, la quale è anche essa parte della sentenza, sebbene dalla stessa non ne sorga il giudicato ...*" ("**Filippo Farrugia Guy *et* -vs- Sacerdote Angelo Farrugia**", 12 ta' Novembru, 1919). Tabilhaqq, u effettivament, "id-dispositiv ma jistax ma jinqarax fid-dawl tal-premessi" ("**Salvatore Debono -vs- Ernest Royston Matthew *et nomine***", Appell Civili, 24 ta' Ottubru, 1966);

Issa fil-kaz prezenti t-Tribunal Industrijali kien affrontat minn kontroversja li kellha b'oggett taghha l-licenzjament ta' l-appellat mill-impjieg ghall-motivi multipli dedotti fl-ittra tal-kumpanija tat-22 ta' Lulju, 1996 (ara kopja a fol. 17). Kompriz fost dawn il-motivi l-addebiti ta' "*repeated mismanagement*", "*insubordination*" u "*unwillingness to carry out specific instructions*";

Irid jinghad fil-hsieb tal-Qorti illi dawn l-akkuzi kienu jimportaw da parti tat-Tribunal stharrig dwar jekk l-appellat-impjegat ikkonduciex, o meno, il-prestazzjonijiet lavorattivi tieghu bid-dovuta diligenza skond il-mudell ta' dak il-*bonus paterfamilias* traccjat fl-Artikolu 1132 (1) tal-Kodici Civili applikabbli ghall-kuntratti in generali. Hu kellu jara jekk dik l-istess diligenza f'rapport ghax-xorta tal-prestazzjonijiet dovuti kellhiex tircievi intensita` magguri fil-kaz ta' l-appellat trattasi li kien jokkupa kariga manigerjali ta' importanza. Akkoppjat ma' dan, l-istess Tribunal kellu wkoll jevalwa, u jipprovdi raguni, dwar jekk l-appellat, kif hekk lilu kontez mill-kumpanija, osservax jew

le, id-direttivi lilu impartiti u jekk f'dak l-agir tieghu kienx hati ta' insubbordinazzjoni ghal fatt ta' xi rifjut minnu li jezegwixxi korrettement id-disposizzjonijiet lilu moghtija. Fi kliem iehor ghas-sostenn tar-*ratio decidendi* tieghu t-Tribunal kellu jassigura, b'motivazzjonijiet adegwati fil-parti razzjonali tas-sentenza, illi l-appellat ma vvjola ebda dmir jew li, almenu, l-addebiti konfrontati lilu ma kienux tali li jintegraw l-estrem ta' dak l-inadempiment kontrattwali li jgib telf ta' fiducja b'mod li jista' jitqies bhala motiv gustifikat tat-terminazzjoni ta' l-impjieg;

Bir-rispett dovut, fuq l-ezami minn din il-Qorti tas-sentenza impunjata, ma jidherx li t-Tribunal adit ghamel b'mod adegwat dan l-ezercizzju appena traccjat. Huwa illimita ruhu biex jaghmel ri-epilogu tar-rizultanzi istruttorji u tas-sottomissjonijiet tal-partijiet minghajr ma artikola l-gudizzju tieghu b'ragunijiet proprji intelligibbli biex minnhom din il-Qorti tkun tista' tapprezza ahjar il-perkors guridiku u argomentativ li wassluh ghall-formazzjoni tal-konvinciment tieghu. Ikollu jinghad illi, sfortunatament, il-parti decizjorja tas-sentenza ma ssibx sussidju mill-konsiderandi taghha ghax dawn baqghu ma gewx provvduti, jekk mhux ghar-redazzjoni generalizzata illi t-Tribunal, fuq dak li osserva mix-xhieda u mid-dokumenti, jara illi t-tkeccija ma kienetx wahda gusta. Mill-kumplament ma nsibu ebda spjegazzjoni specifikata li ssahhah l-import tad-dispositiv;

Huwa minnu illi, kif sottomess fil-kors tad-dibattitu orali quddiem din il-Qorti mill-gharef difensur ta' l-appellat, l-Artikolu 78(3) ta' l-Att dwar l-Impjiegi u Relazzjonijiet Industrijali jipprovdi illi, salv ghall-harsien tar-regoli ta' gustizzja naturali, "it-Tribunal ghandu jasal ghall-konkluzjonijiet tieghu fuq kull haga b'dak il-mod li jidhirlu xieraq". Huwa minnu wkoll illi b'din id-disposizzjoni, jew minghajrha, it-Tribunal ma kienx tenut joqghod janalizza u jiddelibera b'mod distintament kull element singolu tal-prova u seta', allura, jaghmel valutazzjoni komplessiva. B'danakollu, fuq il-fehma tal-Qorti, dak il-poter diskrezzjonali hekk moghti lit-Tribunal b'dak il-provvediment ghandu l-limitazzjoni tieghu, fis-sens illi hu

kellu b'obbligu, avut rigward ukoll tac-cirkostanzi decizivi rizultanti mill-kumpless tal-provi, illi jqieghed f'riljev, anke jekk mhux bilfors b'mod approfondit, kwantu kien hekk necessarju biex jikkjarixxi u jissorreggi l-formazzjoni tal-konvinciment tieghu.  Tali rizultat ma jidherx li jista' jinghad li jkun milhuq b'semplici ragonament generiku izda, dejjem fil-fehma tal-Qorti, b'raffront sufficjenti u razzjonali bejn ir-raguni tad-decizjoni u r-rizultanzi probatorji.  Biex wiehed jerga' jissellef mis-sentenza fuq citata fl-ismijiet "**Cauchi Ltd -vs- Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud**" anke jekk fuq il-fatt l-Bord ta' l-Appelli f'dak il-kaz ma kellux ghalfejn jaghti motivazzjoni elaborata, xorta wahda, "il-kontendenti kellhom ikunu sodisfatti illi r-regoli bazilari tal-gustizzja naturali kienu qed jigu pjenament osservati anke fil-process kwazi gudizzjarju.  Process li kellu jiggarantixxi mhux biss smigh adegwat lill-partijiet u l-opportunita li jipproducu l-provi taghhom imma wkoll li huma jkunu jafu r-raguni ghaliex l-appell ikun qed jigi milqugh jew michud";

Il-konsegwenza li tinzel minn dawn il-konsiderazzjonijiet kombinata mal-fehmiet espressi fil-gurisprudenza fuq citata, hi li s-sentenza tiddifetta minn nuqqas serju ta' motivazzjoni u dan jirrendiha difettuza in kwantu l-insufficjenza taghha (u dan mhux merament minn ottika formali) jiddelegittima s-sussistenza ta' l-istess sentenza. Raggunta din il-konkluzjoni mhux il-kaz li din il-Qorti tintrattjeni ruhha mill-aggravji l-ohra devoluti.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti qed tilqa' l-appell bl-ewwel kap ta' aggravju, tannulla s-sentenza appellata in kwantu nieqsa minn motivazzjoni suficjenti u razzjonali, u, konsegwentement, tirrimanda l-atti lura lit-Tribunal Industrijali biex dan jikkonsidra u jiddefinixxi l-mertu tal-kwestjoni quddiemu b'decizjoni motivata skond il-ligi.  Fic-cirkostanzi huwa gust u xieraq li l-ispejjez ta' dan l-appell jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------